MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru 489/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Maria Georgette Spiteri Gambin**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Maria Georgette Spiteri Gambin, detentriċi tal-karta tal-Identita bin-numru 30971G talli:

> Nhar il-25 ta' Awwissu, 2012 irrifjutat illi tagħti aċċess lil zewgħa Michael Gambin għal binhom Gabriel Gambin hekk kif stabbilit mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fis-

seduta tat-22 ta' Frar, 2012, hekk kif ikkonfermat fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2012 kif ukoll b'digriet separat ieħor tal-24 ta' Awwissu 2012, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet 'Marie Georgette Spiteri Gambin vs Michael Gambin' (Rik 8/2011 PC) u liema aċċess kellu jiġi eżerċitat bejn id-09:30hrs u 11:00hrs bi ksur tal-Artikolu 338(II) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha ċanfira u twiddiba u filwaqt illi spjegat lill-impuata bi kliem ċar l-import tad-deċiżjoni innotat li ma ġietx mitluba l-ebda sospensjoni tal-effetti tad-deċiżjoni.

**3.** Rat ir-rikors tal-appellanti, Marie Georgette Spiteri Gambin ippreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u li konsegwentement tilliberha minn kull ħtija u piena.

**4.** Rat id-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Novembru 2013 li biha ddikjarat li ma kienx hemm il-ħtieġa li l-imputata appellanti taqla' mil-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza għaliex l-esekuzzjoni tas-sentenza twaqqfet mill-ewwel Qorti *motu proprio* u pprovdiet fuq it-talba tad-difiża għall-produzzjopni tar-rapport tal-Psikologa Veronica Ellul u tad-domandi in eskussjoni li saru lill-istess psikologa billi provviżorjament ammettiet il-produzzjoni tagħhom salv kull provvediment ulterjuri li jista' jidrilha li għandha tagħti fir-rigward fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proċeduri.

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

B'digriet tat-22 ta' Frar 2012 il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri-Sezzjoni tal-Familja) ordnat li żewġ l-imputata appellanti kellu jingħatha aċċess għal binhom iż-żgħir minuri bejn id-9.30 am sal-11.00 am kull nhar ta' Sibt u fid-digriet ulterjuri tagħha tat-13 ta' Lulju 2012 ordnat ukoll li l-istess aċċess għandu jitgawda fil-preżenza kontinwa ta' Social Worker u fl-uffiċċju personali taghha u mhux fil-consulting room. Imbgħad, b'digriet ieħor tal-24 ta' Awwissu 2012 l-istess Qorti ordnat li is-Sibt ta' wara kellu jsir l-aċċess kif ordnat bid-digriet tat-13 ta' Lulju 2012 u rriservat li tipprovdi dwar aċċessi ulterjuri wara li tkun rat ir-rapport tas-social workers dwar dan l-aħħar aċċess. Fil-25 ta' Awwissu 2012 l-imputata ma

ħaditx lil binha minuri li dak iż-żmien kellu l-eta' ta' sitt snin, sabiex jiltaqa' ma' missieru kif kienet ordnat il-Qorti. PS 664 J. Xerri rrilaxxja affidavit datat 28 ta' Awwissu 2012 li fih jgħid li l-imputata appellanti għamlet rapport lill-Pulizija li fil-25 ta' Awwissu 2012 ma kienetx ħadet lill-binħa sabiex jiltaqa' ma' missieru kif ordnat mill-Qorti peress li binha irrifjuta jmur ma' missieru u beda jgħajjat u jwerżaq u lanqas fil-karozza ma ried jidħol. Ġie esibit ukoll ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Michael Refalo fid-29 ta' Awwissu 2012 li fih ġie dikjarat li fil-jum tal-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2012 huwa kien ġie mitlub mill-imputata sabiex iżur lil binha minuri Gabriel peress li kien marid u huwa sab li t-tifel kellu infezzjoni tal-kanal respiratorju li kienet qed tikkawża temperatura għolja u huwa taha l-parir li żżomm lit-tifel ġewwa għall-ħamest ijiem ta' wara.

**Ikkunsidrat:**

**7.** L-aggravji tal-appellanti jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

(a) l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza korrettament iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ dwar l-inċident tal-11 ta' Awwissu 2012 u dan peress li rriżulta li kien hemm "raġuni xierqa" kif trid il-liġi għaliex l-imputata naqset li tippermetti lill-missier li jkollu aċċess ghall-binha minuri li kien allega li kien ġie abbużat sesswalment minn missieru. Dan l-aggravju jirreferi għal inċident ieħor li ma hux mertu tal-appell odjern u għalhekk din il-Qorti ma hix ser tieħu konjizzjoni tiegħu.

(b) rigward l-inċident li seħħ fil-25 ta' Awwissu 2012 l-appellanta ssostni li ġie prodott ċertifikat mediku, allegatament anki konfermat mill-parti ċivili, fis-sens li l-minuri ma setax joħroġ mid-dar minħabba mard u din, skont l-appellanti, ċertament hi "raġuni xierqa" kif trid il-liġi. Dan huwa l-uniku aggravju relevanti għall-appell odjern li jirrigwarda unikament l-imputazzjoni dwar l-inċident tal-25 ta' Awwissu 2012.

**8.** Mill-provi prodotti jirriżulta, anki għaliex ammess mill-imputata stess kemm fir-rapport li għamlet lill-pulizija kif ukoll fix-xiehda tagħha quddiem din il-Qorti, li l-imputata naqset milli tieħu lil binha minuri sabiex jiltaqa' ma missieru biex b'hekk dan jingħata l-aċċess ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex bħala Qorti tal-Familja. L-imputata, iżda, tallega li dan għamlitu minħabba li dakinhar binha kien marid u kellha parir ta' tabib li ma toħorġux mid-dar.

**9.** Dwar x'kienet ir-raġuni li minħabba fiha fil-25 ta' Awwissu 2012 l-imputata appellanti ma ħaditx lil binha jara lil missieru l-provi huma piuttost skarsi u kontradittorji. PS 664 J. Xerri rrilaxxja affidavit datat 28 ta' Awwissu 2012 li fih jgħid li l-imputata appellanti għamlet rapport lill-Pulizija li fil-25 ta' Awwissu 2012 ma kienetx ħadet lill-binħa sabiex jiltaqa' ma' missieru kif ordnat mill-Qorti peress li binha irrifjuta jmur ma' missieru u beda jgħajjat u jwerżaq u lanqas fil-karozza ma ried jidħol. Hu diffiċilment li wieħed jifhem kif dan ix-xhud seta' tfixkel dwar x'kienet irrapurtatlu l-imputata fil-25 ta' Awwissu meta kien qiegħed jagħmel l-affidavit tiegħu biss tlett ijiem wara. Minn naħa l-oħra ma jirriżultax li ġiet esibita xi

okkorrenza tar-rapport li sar mill-imputata f'din l-okkażżjoni. PS 664 J. Xerri ma ġiex prodott biex jixhed viva voce la quddiem l-ewwel Qorti u anqas quddiem din il-Qorti.

**10.** Minn naħa tagħha l-imputata appellanti xehdet quddiem din il-Qorti u dwar dan l-inċident tal-25 ta' Awwissu 2012 mertu tal-imputazzjoni in kawża f'dan l-appell sostniet li dakinhar ma ħaditx lil binha biex jiltaqa' ma missieru għaliex binha kien marid u kellu deni kbir għaliex kellu t-tonsilli b'ħafna materja u ġabitlu t-tabib li ordnalu l-antibiotiċi. B'hekk is-Sibt kien marid (fol. 83-84).

**11.** Jirriżulta wkoll esibit ċertifikat mediku (Dok. B, fol. 13) rilaxxjat minn Dr. Michael Refalo fid-29 ta' Awwissu 2012 li fih ġie dikjarat li fil-jum tal-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2012 huwa kien ġie mitlub mill-imputata sabiex iżur lil binha minuri Gabriel peress li kien marid u huwa sab li t-tifel kellu infezzjoni tal-kanal respiratorju li kienet qed tikkawża temperatura għolja u huwa taha l-parir li żżomm lit-tifel ġewwa għall-ħamest ijiem ta' wara. Dan ifisser li skont it-Tabib fil-25 ta' Awwissu 2012 ma kellux joħroġ mid-dar. Dan iċ-ċertifikat mediku ġie esibit quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012 u miegħu ġie esibit ukoll dik li tidher hi riċetta għal xi mediċini firmata mit-Tabib Dr. Michael J. Refalo. MD (Dok. A, fol. 12). Dakinhar tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012 Dr. Carmelo Galea għall-kwerelanti, u ċioe' għal Michael Gambin, missier il-minuri Gabriel, iddikjara li m'hemmx kontestazzjoni rigward il-veraċita' tal-istess ċertifikati (fol. 3).

**12.** Naturalment il-fatt li fiċ-ċertifikat mediku kien ingħata parir li t-tifel ma kellux joħroġ fid-dar fil-25 ta' Awwissu 2012 ma jeskludix li f'dik id-data l-imputata ma pprovatx toħorġu mid-dar biex tieħdu jiltaqa' ma missieru . Fl-istess ħin diffiċilment tista' tifhem din il-Qorti kif fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata kienet ser tipprova tieħu lil binha jara lil missieru meta kellha ċertifika mediku li jagħtiha raġuni valida biex ma toħrogx lil binha.

**13.** Il-fatt jibqa' li l-imputata xehdet *viva voce* kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti u ssottomettiet ruħha għall-kontroeżami li matulu fuq din il-materja ma ġiet skossata b'ebda mod. Minn naħa l-oħra PS 664 J. Xerri qatt ma ġie prodott biex jixhed *viva voce* fejn seta' jagħti spjegazzjoni tad-diverġenza bejn dak li kkonferma fl-affidavit tiegħu u dak li l-appellanti sostniet *viva voce* u li jidher huwa msaħħaħ biċ-ċertifikati esibiti.

**14.** Għalhekk din il-Qorti ssib li jeżistu raġunijiet serji biżżejjed sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti u ssib li l-ħtija tal-appellanti ma ġietx pruvata mingħajr dubbju dettat mir-raġuni skont il-liġi.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-imputata appellanti u konsegwentement tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni u piena.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------